**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Carmel Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 46150G**

***Kumpilazzjoni Nru. 943/2010***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri u ċioè talli:

Fis-sena 2009 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. Appropija ruhu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u ċjoè flus miġbura għan-nom tad-Dipartiment tal-VAT, li l-valur jaċċedi s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentenżmu (€2329,37) liema flus ġew fdati jew ikkunsinjati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema flus kienu fdati lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizzi tiegħu.

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Art 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-31 ta' Lulju, 2012,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-10 ta' Mejju, 2016.

Illi din il-kawza tirrigwarda allegat approprijazzjoni indebita da parti tal-kumpanija tal-imputat Carmel Spiteri ta' flejjes dovuti lid-Dipartiment tal-VAT.

Illi kif jixhed il-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija bl-isem Tal-General Co. Ltd (C24528) l-imputat kien direttur u segretarju tal-istess kumpanija kif ukoll *shareholder*.[2]

---

[1] Fol.92
[2] Fol.58; Dok. MC1

Illi l-kwerela ossia *letter to prosecute* tad-Dipartiment tal-VAT taghmel riferenza ghal *"Mr. Carmel Spiteri for and on behalf of Tal-General Co. Ltd."*[3] kif anke tikkonferma **Connie Azzopardi** in rapprezentanza tad-Dipartiment *"F'isem Carmel Spiteri for and on behalf of Tal-General Co. Ltd".*[4]

Illi l-istess xhud tispjega li d-dipartiment ghazel li jipprocedi fil-konfront tal-imputat tenut kont li ghalkemm kien ipprezenta ghadd ta' denunzji li jissemmew fil-*letter to prosecute* dan naqas milli jghaddi l-flejjes dovuti lid-dipartiment; il-bilanc dovut lid-dipartiment kien ta' €97,781.24.[5]

Illi mhemmx dubbju li **d-denunzji msemmija saru mill-kumpanija ta' Spiteri u mhux f'ismu personali**. Kif jirrizulta mill-Applikazzjoni Ghar-Registrazzjoni ghal VAT hi Tal-General Co. Ltd., bin-numru ta' registrazzjoni C-24528, li kienet obbligata bil-ligi taghmel il-hlas dovut skond l-istess Att Dwar il-Valur Mizjud.[6] Fil-fatt kienet Tal-General Co. Ltd., bil-VAT number MT15430535, li kienet pprezentat diversi denunzji ta' taxxa akond l-artikolu 27 tal-Att Dwar il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema denunzji huma oggett ta' dawn il-proceduri galadarba hu allegat li l-flejjes hekk denuncjati baqghu ma ghaddewx lid-dipartiment![7]

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et"** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:[8]

"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li

---

[3] Dok. CA fol.24

[4] Fol.20

[5] Fol.25 u xhieda a fol.22. Vide ukoll xhieda Paul Scicluna a fol. 123-124.

[6] Dok.CA1 a fol.27

[7] Dok. CA3 a fol.31 et seq.

[8] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

**Izda**:

"*....meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *— mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—****ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[9]"

Preliminarjament stabbiliti dawn il-principji ta' dritt jigi osservat li minkejja li l-*letter to prosecute* tindika li l-imputat kellu jigi akkuzat minhabba r-responsabbilta vikarja tieghu, l-akkuza kontestata hi karenti minn kwalunkwe indikazzjoni li Spiteri qed iwiegeb ghal reat kommess minn Tal-General Co. Ltd. Ma hemm xejn li jindika li hu gie mharrek minhabba r-responsabilita` vikarja tieghu fir-rigward tal-kumpanija, Tal-General Co. Ltd., liema kumpanija naqset milli taderixxi mal-obbligi impost fuqha bl-Att Dwar il-Valur Mizjud.

Inoltre` irid jigi sottolinejat ukoll li f'dan il-procediment hawn mankanza assoluta ta' provi li l-imputat jew il-kumpanija tieghu qatt giet fdata jew kkunsinata xi flejjes.

Illi kif jixhed ir-rapprezentant tad-dipartiment **Paul Scicluna** meta jaghmel distinzjoni bejn *cash basis* u *accrual basis,* bhala metodi kif kien jithallas il-VAT dovut mill-kumpanija, jghid *"fil-perjodu in kwistjoni s-socjeta' kienet tahdem fuq accrual basis u dak kien obbligat jiddikjara l-invoices li jkun irrilaxxja. .... kien obbligat jirrilaxxja fattura ta' taxxa, tax invoice* ***anke jekk ma jkunx thallas*** *u allura ikun obbligat jiddikjara invoices* ***li ma***

[9] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deciza 31/08/2006

***thallasx taghhom** fil-perjodu stess.... Intbghatu figuri li avolja **ghadu ma thallasx taghhom.....** **Peress li kien ghadu ma thallasx taghhom u kien qieghed fuq accrual basis, kien obbligat jiddikjarahom xorta wahda."[10]***

Il-Qorti hi tassew perplessa u zbalordita kif tinhareg *letter to prosecute* sabiex jigu istitwiti proceduri penali ghall-approprijazzjoni indebita meta fi kliem id-dipartiment, is-socjeta` ma thallset ebda flejjes. **L-obbligu li jiddikjara invoices mad-dipartiment jiskatta mill-Att innifsu u fil-fatt jirrizulta ampjament li dan sar**. Izda kif qatt jista' jinzamm kriminalment responsabbli l-imputat, anke jekk ghall-grazzja tal-argument gie akkuzat minhabba r-responsabilta` vikarja tieghu, jekk element essenzjali sabiex javvera ruhu ir-reat ravvizat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali hu ghall-kollox mankanati u cioe' li jkun ircieva l-oggett li japproprija indebitament?

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, it-tielet imputazzjoni f'dan il-kaz:[11]

Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.

F'dik id-decizjoni l-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [12]

Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[13], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm

---

[10] Fol.133-134

[11] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

[12] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[13] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* –

id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[14]

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti ghall-awtur Majno tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li:

Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.[15]

---

anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

[14] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

[15] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015 mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

Fil-fatt kien bil-promulgazzjoni tal-**Ordinanza VIII tal-1909** li d-disposizzjonijiet introdotti bl-**Ordinanza IV tal-1984**[16] gew sostitwiti bid-dispozizzjonijiet (artikoli 295 u 296)[17] li jikkorispondu mal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Kien ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha **Sua Maesta il Re vs Giuseppe Felice** iddecidiet:

Attesocche' nei termini dell'articolo 295 delle Leggi Criminali come emendato coll'articolo 28 dell' Ordinanza VIII del 1909, conforme all' articolo 417 Codice Penale pel Regno d'Italia "commette frode chiunque si appropria convertendola in profitto di se' o di un terzo una cosa altrui <u>che gli sia stata affidata e consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restiturila o di farne un uso determinato</u>.

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[18]

Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. ……

The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. ……

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Izda fil-kawza gja citata **il-Pulizja vs Paul Portelli**, il-Qorti spjegat kif -

---

[16] 276. Chiunque, avendo ricevuto la cosa altrui in deposito volontario o per uso determinato, per causa di lucro negasse la ricezione, od allegasse un falso motivo per liberarsi dall' obbligo della restituzione, sara' punito coi lavori forzati o colla prigionia da due a nove mesi.
[17] 295. Chiunque si appropria, convertendola in profitto di se' o di un terzo, una cosa altrui che gli sia stata affidata o consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato, sara' punito, a querela di parte, coi lavori forzati o colla prigionia fino a nove mesi
296. La pena e' da cinque mesi ad un anno, e si procede di ufficio, quando il delitto preveduto nell' articolo precedente sia commesso sulle cose affidate o consegnate per ragione di professione, industria, commercio, azienda, ufficio, servizio, o deposito necessario.

[18] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

*huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

Dik il-Qorti kompliet hekk:

**15**. Di fatti, l-awtur Luigi Majno dwar dan l-element jgħid:

"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[19]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Illi fis-sentenza **il-Pulizija vs Concetta Charles**[20] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

---

19 Luigi Majno, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.

20 Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Ghalhekk l-estremi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita ma jirrizultawx peress kif jiddikjara l-abbli rapprezentant tad-dipartiment tal-VAT, l-imputat kien ghadu ma thallas ebda flejjes dovuti lid-dipartiment tal-VAT u ghalhekk qatt ma seta' jitiqes li hu kien ircieva jew gie fdat bihom.

Ghaldaqstant ghall-motivi hawn fuq migjuba l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu minhabba nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**